



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 15 ta' Novembru 2016
(OR. en)

13520/16

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0271 (NLE)

TRANS 396
MAR 271
AVIATION 216
ESPACE 49
RELEX 869
EU-GNSS 30
CSC 303

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Aġenzija għas-Sigurtà tan-Navigazzjoni bl-Ajru fl-Afrika u f'Madagascar (ASECNA) dwar l-iżvilupp tar-radjunavigazzjoni bis-satellita u l-provvista ta' servizzi relatati fiż-żona ta' kompetenza tal-ASECNA għall-benefiċċju tal-avjazzjoni ċivili
----------	---

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/...

ta'...

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni,
tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn
l-Unjoni Ewropea u l-Aġenzija għas-Sigurtà tan-Navigazzjoni bl-Ajru
fl-Afrika u f'Madagascar (ASECNA)
dwar l-iżvilupp tar-radjunavigazzjoni bis-satellita
u l-provvista ta' servizzi relatati fiż-żona ta' kompetenza tal-ASECNA
għall-benefiċċju tal-avjazzjoni ċivili**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 172, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fil-25 ta' Settembru 2014, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tinneozja, f'isem l-Unjoni, ftehim internazzjonali mal-Aġenzija għas-Sigurtà tan-Navigazzjoni bl-Ajru fl-Afrika u f'Madagascar li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet tal-provvista ta' servizz ta' awmentazzjoni bis-satellita (SBAS) fl-Afrika abbażi tal-programm Ewropew ta' radjunavigazzjoni bis-satellita EGNOS.
- (2) Wara dawn in-negozjati, il-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Aġenzija għas-Sigurtà tan-Navigazzjoni bl-Ajru fl-Afrika u f'Madagascar (ASECNA) dwar l-iżvilupp tar-radjunavigazzjoni bis-satellita u l-provvista ta' servizzi relatati fiż-żona ta' kompetenza tal-ASECNA għall-benefiċċju tal-avjazzjoni ċivili (il-"Ftehim") ġie ffirmat fit-12 ta' Mejju 2016.
- (3) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi ffirmat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar, f'isem l-Unjoni tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Aġenzija għas-Sigurtà tan-Navigazzjoni bl-Ajru fl-Afrika u f'Madagascar (ASECNA) dwar l-iżvilupp tar-radjunavigazzjoni bis-satellita u l-provvista ta' servizzi relatati fiż-żona ta' kompetenza tal-ASECNA għall-benefiċċju tal-avjazzjoni ċivili huwa awtorizzat.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar lill-persuna jew persuni bis-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
